MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 3/2004

Kawza fil-lista: 40

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illli l-attrici u l-konvenut izzewgu fil-Knisja Parrokjali tal-Imqabba fis-6 ta’ Settembru, 1997;

Peress illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom tifla wahda minuri – D.

Peress illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba sevizzi u ingurji gravissimi da parti tal-konvenut, fosthom ‘inter alia’, serq perpetrat ghad-dannu ta’ missier l-attrici, self fuq l-idejn u bl-uzura, it-tkissir sistematiku ta’ kull negozju li qatt kellhom il-kontendenti, djun kbar ma’ diversi persuni, banek entitajiet kummercjali u korporazzjonijiet u proceduri kriminali fosthom dawk rigwardanti traffikar ta’ drogi, u kif ukoll minhabba abbandun tad-dar matrimonjali;

Peress illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment ukoll minhabba adulterju perpetrat mill-istess konvenut f’ diversi okkazjonijiet u ma’ diversi persuni;

Peress illi dan kollu sejjer jigi spjegat fid-dettall fit-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi minhabba fis-sitwazzjoni illi l-konvenut gab fiha lill-attrici, permezz ta’ kuntratt pubblikat min-Nutar Dr. Robert John Muscat LL.D. il-kontendenti kienu waqqfu bejniethom is-sistema tas-separazzjoni tal-beni bhala r-regim patrimonjali illi jirregolahom;

Peress illi minkejja l-appozitu digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu l-attrici giet awtorizzata tintavola dawn il-proceduri l-konvenut mhux qed jivversa ebda manteniment ghall-attrici u ghall-bintha minuri, minkejja l-htigijiet kbar tal-istess minuri fosthom il-hlas tal-iskola privata, hlas tat-trasport, lezzjonijiet tal-‘ballet’ u assigurazzjoni fuq hajjet l-istess minuri, u lanqas mhu qed johrog il-kontribut minnu dovut skond l-istess digriet versu dawn l-ispejjez;

Peress illi di fatti fil-prezent l-attrici qed tghix bl-assistenza socjali;

Peress illi l-konvenut halla wkoll dejn kbir illi qed ikollha tiffaccja l-attrici kontinwament;

Peress illi kif fuq espost l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi b' din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti 'a mensa et thoro' minhabba sevizzi, ingurji gravissimi, adulterju u abbandun da parti tal-konvenut;

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament hati tal-firda u ghalhekk ghandu jitlef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili;

3. Tistabilixxi d-data meta l-konvenut ghandu jigi dikjarat hati tal-firda u tikkommina kontra l-istess konvenut l-estremi kollha previsti mil-ligi;

4. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tal-minuri D b' access limitat u supervizjonat ghall-konvenut;

5. Tiffissa retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici, ghaliha personali u ghal bintha minuri – D – b' dana illi jkun obbligat ukoll illi jikkontribwixxi ghall-ispejjez medici u edukattivi u l-assigurazzjoni ta' hajjet l-istess minuri;

6. Tawtorizza l-hrug ta' passaport ghall-minuri D fuq isem l-attrici;

7. Tiddikjara illi d-dejn kollu kuntrattat mill-konvenut, kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, huwa responsabbli ghalih unikament l-istess konvenut u tiddikjara illi tali kundizzjoni tapplika wkoll fil-konfront tat-terzi kredituri;

8. Tordna illi t-titolu tad-dar matrimonjali 60, Triq San Publiju, Rabat jigi assenjat lill-attrici illi jkollha d-dritt illi tkompli tirrisjedi fl-imsemmija dar matrimonjali as eskluzjoni tal-konvenut;

9. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Anna Mallia;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta’ Settembru 1997, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem ta’ D Ann li twieldet fid-29 ta’ Lulju 1998 u li ghalhekk ghadha minorenni.

Illi mill-provi jirrizulta li matul il-konvivenza matrimonjali l-komportament tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici kien wiehed ta’ abbuz kontinwu konsistenti fin-nuqqas tieghu li jassumi r-responsabbilitajiet tieghu lejn martu u binthom, billi baqa’ jikkultiva l-vizzju tad-droga nonostante l-isforzi da parti ta’ martu biex johrog minn dan il-vizzju, u billi nvolva ruhu f’ attivita’ kriminali bir-rizultat li gie akkuzat fuq reati relatati mad-droga; ukoll, u konsegwenzjalment, huwa kien ghamel hafna djun fin-negozju li support kellu jiggestixxi, bir-rizultat li l-attrici kien kollha tiffaccja l-kredituri teighu. Dan il-komportament tal-konvenut u l-konsegwenzi tieghu fuq martu, kien wiehed kontinwu

matul iz-zwieg, u kien irrenda l-konvivenza matrimonjali bejniethom insapportabbli, u ghalhekk jikkostitwixxi 'sevizz' fit-termini ta' l-artikolu 40.

Izda, l-allegazzjoni attrici li dan kien infidel lejha matul iz-zwieg, ma gietx sodisfacentement provata, kif lanqas ma gew provati r-rekwiziti relattivi ghall-abbandun.

Ghalhekk l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, u li s-separazzjoni titqies li sehhet mill-31 ta' Awissu 2001.

**Kura u Kustodja**
Illi f' dan ir-rigward, il-Qorti tikkondividi il-konkluzjoni tal-perit legali, salv dak li ser jinghad.

Il-Qorti tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri D Ann f' idejn l-attrici, bid-dritt ta' access favur il-missier kif regolat bid-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, jigifieri kull nhar ta' Erbgha bejn il-5.00 pm u s-7.00 pm that supervizjoni ta' membri ta' l-Agenzija Appogg, a spejjez tal-konvenut.

Illi l-Qorti tikkunsidera gustifikata fic-cirkostanzi s-sitt talba, u ghalhekk tordna l-hrug ta' passaport ghall-minuri D fuq isem l-attrici, izda that il-kondizzjoni li kull darba li l-attrici tixtieq li l-minuri tittiehed barra minn Malta, hija ghandha tinforma lil din il-Qorti b' nota guramentata dwar it-tluq u r-ritorn taghha minn dawn il-Gzejjer, u l-post tad-destinazzjoni barra minn Malta.  Ukoll, filwaqt li qed jigi dikjarat li r-residenza abitwali tat-tifla D Ann hija Malta, l-attrici m' ghandhiex is-setgha li, unilateralment, tbiddel jew ir-residenza abitwali tat-tifla, jew id-domicilju taghha.

**Manteniment**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni tal-perit legali, a fols.101 u 102, li qed jigu annessi ma' dan il-gudizzju  [Appendici A] salv ghal dak li ser jinghad:  u ghalhekk tordna li l-konvenut jhallas l-arretrati ta' manteniment mit-12 ta' Novembru 2003 kif indikat mill-perit legali; u ukoll manteniment ghaliha u ghal minuri fl-ammont ta' mitejn tlieta u tletin ewro €233

[LM100] fix-xahar ghaliha, u mija u sbatax il-ewro €117 [LM50] ghat-tifla, flimkien ma' nofs l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni [inkluzi l-mizati, l-uniformijiet, stationery, trasport, izda eskluzi l-ispejjez tal-ballet], u spejjez relatati mas-sahha tat-tifla, inkluzi l-ispejjez ta' l-assikurazzjoni ta' hajjet-il minuri. Dawn l-ammonti jizdied kull sentejn skond l-ghoti tal-hajja.

Illi permezz ta' verbal maghmul fl-udejnza tat-3 ta' Ottubru 2006, l-attrici nformat il-qorti li f' dak iz-zmien il-konvenut ma kienx qed jahdem peress li kien ghaddej proceduri kriminali fuq traffikar tad-droga. Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li, matul il-perijodu li l-konvenut ikun mizmum fil-facilita' korrettiva ta' Kordin, l-obbligu tieghu ghall-hlas tal-manteniment <u>ghall-attrici</u>, jigi sospiz.

**Assi**

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taddotta il-konsiderazzjonijiet maghmula, u l-konkluzjoni raggjunata mill-perit legali a fols.102 u 103 tal-process u li qed jigu annessi mal-gudizzju odjern [Appendici B].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, esklussivament bi htija tal-konvenut skond l-artikolu 40 tal-Kap.16;

[2] tilqa' t-tieni talba;

[3] tilqa' it-tielet talba, u tistabbilixxi d-data tas-separazzjoni mill-31 ta' Awissu 2001;

[4] tilqa' ir-raba' talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat that is-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[5] tilqa' il-hames talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat that is-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[6] tilqa' is-sitt talba that il-kondizzjoni stabbilita u fuq indikata fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[7] tilqa' s-seba' talba;

[8] tilqa' it-tmien talba fit-termini taghha, u takkorda lill-konvenut xahar zmien biex jallontana ruhu mid-dar konjugali, numru 60 Triq San Publiju, Rabat;

[9] tilqa' id-disa' talba fis-sens li tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjoni xbubitha, cioe' 'Aquilina'.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------